**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)**

Illum, 29 ta’ Mejju 2025

**Ir-Repubblika ta’ Malta**

**Vs**

**Tristan Grima**

(K.I. Nru. 0389898M)

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **Tristan Grima** ta' sitta u għoxrin (26) sena, imwieled nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta’ Ottubru tas-sena elf disgħa mija u tmienja u disgħin (1998), ġewwa l-Pietá, Malta, iben Massimo Grima u Nathalie xebba Cauchi, residenti ġewwa l-indirizz 4, Blk 5, Fl 6, Triq il-Vopi, San Pawl il-Baħar u detentur tal-karta ta' l-identita Maltija bin-numru 0389898M u akkużat talli fix-xahar ta’

Mejju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) ġewwa Malta u l-Gżejjer li jagħmlu magħha:

1. Bil-ħsieb li jestorċi flus jew xi ħaġ' oħra, jew li jagħmel xi qligħ, jew bil-ħsieb li ġġiegħel lil persuna u ċioé lil Katryna Micallef Tonna, tesegwixxi, tiddistruġġi, tqalleb, jew tbiddel testment jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, hedded li jagħmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jagħtiha malafama lil, dik il-persuna u/ jew persuna oħra;

2. U aktar talli, fl-istess żmien, lok, u ċirkostanzi, bl-imġieba tiegħu ġab ruħu b'mod li ta' fastidju lil Katryna Micallef Tonna, u/ jew ġab ruħu b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dan ikun ta' fastidju għall-istess Katryna Micallef Tonna u/jew issoġġetta lil-istess Katryna Micallef Tonna, għal xi att u, jew imġiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, mossi u, jew għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal ieħor, fejn dak l-att, kliem, u jew imġiba ma kienux mixtieqa mill-vittma, u setgħu raġonevolemnt ġew kkunsidrati bħala offensivi, umiljanti, degradanti, u/ jew intimidatorji lejha;

3. U aktar talli, fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, mingħajr awtorizzazzjoni, uża computer jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex daħal f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżammu f'dak il-computer jew f'xi computer ieħor,

jew uża, ikkopja jew immodifika kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ bħal dawk;

4. U aktar talli fl-istess żmien, lok, u ċirkostanzi permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, għamel użu ieħor mhux xieraq biħ;

5. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel inġurji jew theddid lil Katryna Micallef Tonna mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew jekk kienu pprovokati, inġurjaw b'mod li ħarġu barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmija persuna u ċioé Tristan Grima sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija ukoll ġentilment mitluba sabiex, barra milli tapplika il-piena skont il-liġi, tipprovdi għas-sigurtà ta' Katryna Micallef Tonna u dan billi toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat u ċioé Tristan Grima u dan ai termini tal-artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-mori tal-kawża kif ukoll, kemm-il darba tinstab ħtija, tħaddem kontra l-imputat d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat rreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk trid, terġa' lura minnha.

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi jirriżulta li l-akkużat u l-parte ċivile bdew jiltaqgħu xi ftit drabi meta għal xi raġuni l-parte ċivile ħasset li r-relazzjoni ma kienitx qed taħdem. Meta nfurmatu hekk, l-akkużat rama' jheddida minn fuq il-messenger u anke qalilha li kien ser jxerred filmat tagħha mal-familjari. Irriżulta li dan il-filmat ma jeżistix. Illi l-parte ċivile għamlet rapport mal-pulizija u minn hemm ġie nnutat li l-akkużat anke daħal fuq il-kont tagħha tal-facebook.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tiegħu, u abbażi tal-fatt li l-Qorti m'għandiex raġuni għalfejn tiddubita mill-ammissjoni tal-akkużat, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tqis li l-akkużat għandu Fedina Penali nadifa u din hija l-ewwel darba li huwa xellef difrejħ mal-liġi. Jirriżulta wkoll li dan kien inċident ta' darba u li huma temmew ir-relazzjoni li kellhom. L-akkużat iddispjaċih ħafna għal dak li għamel u kkowopera bis-sħiħ mal-pulizija fl-investigazzjonijiet tagħhom.

Illi għalhekk, il-Qorti tqis li l-piena m'għandhiex tkun waħda ta' inkarċerazzjoni iżda waħda rijabilitattiva.

**Deċide:**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 250(1)(2), 251A(1)(a)(b) u (e), 337Ċ (1)(a) u 399(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 49(c) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Tristan Grima <u>ħati</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u qed tikkundannah għal **ħmistax-il (15) xahar** priġunerija u, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tordna li din il-piena ma tidħolx

fis-seħħ ħlief jekk matul il-perijodu ta' **tlett (3) snin** mil-lum, huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena  ta' priġunerija, kif ukoll għal piena (multa) fl-ammont ta' **mitejn Ewro (€200)**.

Illi ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Illi l-Qorti qed tagħmel ukoll Ordni ta' Trazzin ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fil-konfront tal-ħati a favur ta' Katryna Micallef Tonna għall-perjodu ta' sentejn (2) li għandu jibda jiddekorri mid-data tal-lum u dan ai termini tad-Digriet mogħti kontestwalment;

Peress li ma ġew nominati ebda esperti f'dawn il-proċeduri, il-Qorti qed tastjeni milli tapplika l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ft.Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**